VERŻJONI ELETTRONIKA

*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,690, 2 ta' Diċembru, 2016*
*Taqsima C*

# Nru. 184

2. 12. 2016

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Carmelo Abela, M.P., Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-28 ta' Novembru, 2016.

**ATT biex jemenda l-Att dwar il-Ħabs, Kap. 260.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Carmelo Abela, M.P., Minister for Home Affairs and National Security, and read the First time at the Sitting of the 28th November, 2016.

**AN ACT to amend the Prisons Act, Cap. 260.**

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA



**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT biex jemenda l-Att dwar il-Ħabs, Kap. 260.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor. Kap. 260.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att tal-2016 li jemenda l-Att dwar il-Ħabs u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar il-Ħabs, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Żjieda ta' artikolu 19 ġdid mal-Att prinċipali.

**2.** Minnufih wara l-artikolu 18 tal-Att prinċipali, għandu jiżdied l-artikolu 19 ġdid li ġej:

"Annimali li jintużaw mill-Faċilità.

**19.** (1) Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin għandha tkompli tagħmel użu mill-annimali fit-twettiq ta' ċerta ħidmiet u waqt funzjonijiet ċerimonjali.

(2) Id-Direttur għandu jiżgura li dawn jiġu ttrattati bl-aħjar mod possibbli u b'mod kompatibbli man-natura ta' dawk l-annimali, u li dawn ma jiġux soġġetti għal xi trattament krudili.

VERŻJONI ELETTRONIKA



(3) Kemm-il darba ma jingħatax parir xort'oħra minn kirurgu veterinarju, annimal li ma jkunx iktar ta' użu għall-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, għal liema raġuni tkun li tkun, għandu preferibbilment jiġi mogħti lil xi persuna jew korp li jkun jista' jkompli jittratta l-annimal b'mod xieraq meta jirtira. Il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin m'għandhiex qatt tneħħi l-ħajja ta' ebda annimal sempliċement għaliex minnufih ma tkun instabet ebda persuna adatta biex tieħu ħsieb dak l-annimal.".

---

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għan ta' dan l-Abbozz huwa sabiex jipprovdi għall-benesseri u l-irtirar tal-annimali li jintużaw mill-korpi dixxipplinati.

---

VERŻJONI ELETTRONIKA



**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Prisons Act, Cap. 260.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title. Cap. 260.

**1.** The short title of this Act is the Prisons (Amendment) Act, 2016, and this Act shall be read and construed as one with the Prisons Act, hereinafter referred to as "the principal Act".

Adds new article 19 to the principal Act.

**2.** Immediately after article 18 of the principal Act, there shall be added the following new article 19:

"Animals used by the Force.

**19.** (1) The Force shall continue to make use of animals in the performance of certain operations and in ceremonial functions.

(2) The Director shall ensure that these are treated in the best way possible and in compatible to the nature of such animals, and that they are not subjected to any cruel treatment.

(3) Unless otherwise advised by a veterinary surgeon, an animal that is no longer of use to the Force, for any reason whatsoever, shall preferably be donated to any person or body that can continue to treat the animal well in its retirement. The Force shall not euthanize any animal merely because no suitable person has been immediately found to take care of that animal. ".

VERŻJONI ELETTRONIKA



**Objects and Reasons**

The object of the Bill is to provide for the welfare and retirement of animals used by disciplined forces.

VERŻJONI ELETTRONIKA

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**